MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 224/2005

**Atlas Insurance Limited**
**(C 15239) de proprio kif ukoll kif surrogat fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**Vs**

**Sullivan Maritime Ltd bhala agent tas-socjeta` estera Atlantica SpA di Navigazione armatur u/jew nolleggjatur tal-bastiment "M.V. Eurostar Valencia"**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta` Jannar, 2005, fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` tliet mija u sitta lira (Lm306), rapprezentanti valur ta` danni mhallsa in konnessjoni ma` hsarat subiti f'erba` vetturi Peugeot li waslu hawn Malta fit-23 ta` April, 2004, fuq il-bastiment M.V. Eurostar Valencia, kif ghandu jirrizulta mid-dokumenti ezebiti u mmarkati Dok. ZM 1 sa ZM 7.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-kawza sal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 14 ta` Frar, 2005, fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi (1) ma kinietx responsabbli ghall-allegati hsarat (2) ghandha ssir il-prova tas-surroga (3) ma hemmx prova tas-survey fees u (4) li l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Gew ezaminati l-provi migjuba nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-kontendenti u b'mod partikolari ha notament tal-fatt illi gie konstatat fl-istess osservazzjonijiet illi l-kwistjoni ahharija ta` bejn il-partijiet kienet irrisolviet ruhha biss fuq il-Kap ta` l-ispejjez u dana in vista tal-fatt li mill-provi prodotti rrizulta li n-nuqqasijiet lamentati ma setghux jigu attribwiti lis-socjeta` konvenuta.

Ikkunsidra.

Illi s-socjeta` attrici tafferma li hija waslet biex intavolat dawn il-proceduri kontra s-socjeta` konvenuta peress illi din ta` l-ahhar baqghet ma baghatitilhomx it-tally sheets relattivi. Emmanuel Portelli rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jafferma illi qabel ma giet intavolata din il-kawza huma qatt ma kienu rcevew xi claim minghand is-socjeta` attrici. Is-surveyor John Falzon jikkonferma illi fil-mument ta` l-ispezzjoni tieghu jkun hemm prezenti rapprezentant tal-Cargo Handling u tali spezzjoni ssir wara li l-vetturi jkunu gia` nizlu mill-vapur u jkunu magazzinati. Ronald Pellegrini tal-Cargo Handling jezebixxi l-gate pass out u t-tally sheet Dok. RP 1 u RP 2 u jispjega li huma kienu halsu lis-socjeta` attrici ghal certu hsarat konstatati ghas-saldu. Di fatti fuq l-istess dokumenti hemm indikati xi hsarat fuq il-vetturi, liema hsarat pero` jinvolvu anqas vetturi u ta` entita` mhux daqstant serja minn dawk allegati f'din il-kawza. Jigi notat ukoll li Dok. RP 2, jitkellem fuq konsenja ta` hmistax il-vettura Peugeot filwaqt li s-socjeta` attrici titkellem fuq

konsenja ta` disa` vetturi li minnhom erba` sfaw danneggjati.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal josserva li ma gewx prodotti provi soddisfacenti sabiex tigi attribwita xi responsabbilita` legali lis-socjeta` konvenuta ghall-hsarat allegati. Jezisti nuqqas ta` nexus bejn il-hsarat lamentati u s-sehem tas-socjeta` konvenuta fir-rigward ta` tali hsarat u lanqas ma hareg car daqshekk il-konsistentenza ta` l-istess hsarat.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi jichad it-talba tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------